# L-Imgħallem Piju Ebejer
# (1874 - 1931)

L-imgħallem Piju Ebejer jew Mastru Pij, kif kien magħruf, twieled fil-Belt Valletta fl-1874 fil-Parroċċa ta' Porto Salvo, magħrufa aħjar bħala ta' San Duminku. Iben Mastru Ġann u Carmelo Ebejer.
Ftit wara li twieled mar mal-familja tiegħu f'Ħal Balzan, pajjiż missieru.



Sa minn ċkunitu, Piju wera xewqa kbira għad-disinn u x-xogħol fil-ġebla Maltija. Billi missieru kien qed imexxi x-xogħol tal-bini tal-biċċerija l-qadima, Piju fl-età ta' disa' snin kien għamel mudell (to scale) tal-ġebel. Fuq dan, Lord Strickland ħariġlu 3 soldi kuljum sakemm jispiċċa x-xogħol tal-biċċerija. Piju baqa' jitħarreġ ma' missieru fid-disinn u fuq il-lavur tal-ġebla sakemm meta kellu 19-il sena ġie avviċinat mis-Sorijiet tal-Buon Pastur biex jibni kunvent ġdid fi Triq Idmejda, Ħal Balzan. Mastru Pij aċċetta mal-ewwel u ta' età żgħira impressjona lill-bennejja l-oħra. Hawnhekk Piju vvinta kif bid-dawrien tal-'Jack Roll' seta' jdaħħal il-ġebel fuq il-wire biex b'hekk ta bidu għall-makkinarju fl-industrija tal-bini. Dan kien għall-ħabta ta' l-1899.

Bis-suċċess u l-kapolavur tal-bini tal-kunvent tal-Buon Pastur huwa xtara parti kbira ta' Sqaq Idmejda, li llum saret Triq Idmejda, biex bena dar għalih u għall-ħaddiema. Kien bniedem karitattiv u kellu għal qalbu n-nies morda tar-raħal tant li ħa ħsieb li jibgħatilhom laħam u xkora ħobż darba fil-ġimgħa. Lill-ħaddiema li jweġġgħu fuq il-lant tax-xogħol li kien imexxi hu kien jagħtihom l-istess paga.

Piju ħaddem ħafna nies miegħu minn madwar Malta kollha kif ukoll Għawdxin. Għal ħafna drabi, hu kien jipprovdi trasport lill-ħaddiema li kienu joqogħdu 'l bogħod. Il-fama dejjem kibret miegħu. Tant hu hekk li bosta ħaddiema fittxew li jaħdmu miegħu fosthom skulturi, mastrudaxxi, bennejja, kaħħala, żebbiegħa, dekoraturi, periti, disinjaturi u avukati.

Fassal u bena l-ġebla tal-kappella ddedikata lill-Madonna ta' Lourdes (bil-koppla inkluża) tal-Kapuċċini tal-Floriana. Xi ħaġa li smajtha mingħand familjari tiegħu li għad hawn bil-bosta jgħidu li meta lesta dal-proġett tal-Kappella xtaq li xi ħadd minn uliedu jidħol mal-Kapuċċini. U fil-fatt hekk sar. Għax it-12-il wild tiegħu kellu proprju jidħol ma' l-Ordni tal-Kapuċċini. Dan kien Rev. Fr. Ġorġ Teofolu Ebejer (1920-2001) li barra li serva f'dak il-kunvent tal-Kapuċċini, aktar tard qatta' snin twal ġewwa *St. Rocco Church* fi *Brooklyn, New York* fl-Istati Uniti.
Bini ieħor li ħa ħsiebu fil-Floriana kien il-Lintron Barracks (illum il-bini tal-MEPA).
Fi Gwardamanġa bena knisja mingħajr permess tal-Gvern Kolonjali. Tqabbad biex iwaqqagħha, ipprotesta, tela' l-Vatikan u r-risposta kienet li la l-Gvern Kolonjali ma tax il-permess, huma ma jistgħux jindaħlu. Kontra qalbu kellu jħottha. Wara xi 50 sena, fil-viċinanzi nbniet knisja oħra, illum iddedikata lill-Madonna ta' Fatima.
Għamel xi xogħol fil-bini tal-Militar f'St. Andrews u fl-Imtarfa, Villa Sunset u Villa Sunrise (djar kbar qrib il-Ġonna ta' Sant' Anton) kif ukoll Villa l-Imħallef Refalo fil-parti l-antika tal-Corinthia Hotel kollha f'Ħal Balzan u bena l-kampnar ta' l-Isptar *St. Vincent de Paule*. Hu ta l-għajnuna fiżika tiegħu kollha meta splodiet il-fabbrika tal-Birra Cisk. Fil-proġett tal-*breakwater* li kien nieda l-Gvern ta' Lord

Strickland, Piju Ebejer intgħażel sabiex isegwi x-xogħol li sar b'tant suċċess. Bena sensiela ta' ġibjuni għall-ilma madwar il-gżejjer Maltin.

Pero biċċa xogħol importanti ta' Piju Ebejer kienet proprju t-tkomplija tal-Knisja l-antika tat-Tereżjani f'Birkirkara ddedikata lil San Alfons de Liguori (ħadet l-isem proprju tal-benefattur is-Sur Alfons Maria Micallef li ħallas għaliha). Din inbniet bejn l-1892 u l-1895 fuq disinn tal-Perit E.L.Galizia. Wara xi snin minħabba li l-inħawi beda jikber fil-popolazzjoni, inħasset il-ħtieġa li l-Patrijiet Tereżjani jkabbruha u jagħmlu alterazzjonijiet fil-knisja li saħanistra żejnu l-faċċata b'kampnar li proprju ħa ħsieb il-bini tiegħu Mastru Pij. Illum il-kampnar inħatt minħabba l-fatt li kien ta' periklu. 41 sena ilu, eżattament nhar is-Sibt 21 ta' Diċembru, 1959, l-istess kampnar kien intlaqat minn sajjetta u għamlet ħsara kbira lill-istess kampnar kif ukoll lis-saqaf tal-Knisja. F'dawn l-aħħar snin din il-Knisja saret Sala Madonna tal-Karmnu li tilqa' fiha konferenzi, irtiri, wirjiet, kunċerti, drama u seminars.



**Il-kampnar l-antik tal-Knisja San Alfons fejn jidher xebħ kbir bejn dk tal-Bon Pastur u dak ta' l-Isptar San Vinċenz De Paule**

Piju Ebejer kien miżżewweġ lil Carmelo neè Michelizzi, Taljana minn Reggio Calabria (kienet toqgħod proprju fil-kunvent tal-Buon Pastur għax kienet tkanta) u kellhom 12-il wild. Fil-ħajja soċjali f'Ħal Balzan kien attiv l-aktar bħala benefattur. Tant hu hekk li meta Ħal Balzan beda jiġbor għall-qniepen ġodda fl-1920, xi dilettanti ħassew li festa m'għandhiex issir. Hu ħadha qatta' bla ħabel kontra dawn it-talin u saħansitra ta xi flus sabiex imorru Birkirkara jikru xi armar ħalli jintrama għall-festa tal-Lunzjata ta' dik is-sena u proprju bdiet il-ħeġġa sabiex jinfetaħ każin ġdid f'Ħal Balzan.... illum magħruf bħala l-Każin tal-Banda San Gabriel.

M'hemmx dubju li Mastru Pij pprova joħloq strutturi magħmula mill-ġebla Maltija bl-isbuħija kollha tagħha. Miet fl-1931 fl-età ta' 57 sena, pero' hu fiċ-ċert li ħoloq *social welfare* li dawk iż-żminijiet kienu nieqsa bil-bosta. Wieħed ma jridx iħalli barra li Piju Ebejer għex fi żminijiet tas-Sette Giugno, 1919... meta l-Maltin ħaduha kontra l-Gvern Kolonjali u Piju kien favur riformi ġodda għall-poplu Malti għax kien dejjem jipprova jgħin lil ta' madwaru. Fuq kollox Mastru Pij kien kattoliku prattikanti u għex ħajja kreattiva u artistika f'dawk iż-żminijiet tal-bini u strutturi oħra li ħoloq madwar il-gżejjer Maltin.

**Silvio Cassar**

carpisa

Bags, luggage,
professional briefcases,
leather items
and accessories
for him and her

108, Naxxar Road, B'Kara
Tel: 2149 1962